KLR 14/VII/2014

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tnejn 17 ta' Frar 2014 fil-17.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joe Debrincat, Michel Buttiġieġ u Marċel Tabone, is-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard u l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Beppe Galea.

SKUŻATI:- il-membri Maria Portelli u Anthony Briffa.

**1. Talba u approvazzjoni tal-minuti**

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

**2. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2013**

Sakemm ġiet diskussa din il-materja l-Accountant John Buttiġieġ, ġie mistieden jidħol fil-kamra sabiex jispjega l-*Financial Statements* għas- sena 2013. Dawn ġew approvati sabiex jintbagħtu lin-*National Audit Office.* Kopja tagħhom tinsab f'dokument A.

**3. Approvazzjoni tal-kontijiet pendenti**

Ġew approvati l-kontijiet imniżżla f'dokument B.

**4. Jum il-Belt Victoria**

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet rendikont tal-ispejjes ta' Jum il-Belt Victoria 2013. Dan kif anness f'Dokument Ċ. Il-membri qablu li għal din is-sena għandhom jitnaqqsu l-ispejjes u l-attivita' tal-Għoti ta' Ġieħ il-Belt Victoria tiġi nkorporata mal-attivita' tal-Kunsill. Rigward il-kunċerti li jiġu organiżżati bl-għajunana taż-żewġ Baned Rabtin, il-membri qablu li għandu jkun hemm ammont fiss ta' *budget* li jkun jinkorpora fih, is-servizz tal-banda u spejjes oħra bħal kera ta' siġġijiet, kera ta' palk, kera ta' dwal, eċċ. Dan ser jiġi diskuss fid-dettall aktar 'il quddiem. Il-kunċert organiżżat mill-Kunsill ser isir il-Ħadd 8 ta' Ġunju 2014 u *Leone Goes Pop* ser issir is-Sibt 7 ta' Ġunju 2014. Id-data ta' *RockAstra* għanda tiġi konfermata aktar 'il quddiem.

**5. Immaniġjar tat-Traffiku – Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand *Transport Malta* (TM) fejn:-

inħareġ il-permess għal-

5.1 *Keep Clear* quddiem 104, Triq Santa Dminka;

5.2 *parking bays* fi Triq Sir Arturo Mercieca;

5.3 *parking bays* fid-daħla tal-Wied tal-Lunzjata;

5.4 *double yellow lines* fil-kantuniera ta' Triq it-8 ta' Diċembru;

5.5 *double yellow lines* biswit *stall* numru 5 tal-monti fi Pjazza Indipendenza;

5.6 *un/loading bay* quddiem il-ħanut 'Wurth' fi Pjazza J F Kennedy;

ma nħariġx permess għal-

5.7 *bollards* quddiem il-bankina ta' 'Opal' fi Triq Dawwara;

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM sabiex:-

5.8 isir *un/laoding bay* quddiem il-ħanut 'Daily Fresh' ta' Triq Ġorġ Borġ Olivier;

5.9 fi Triq San Ġorġ jitpoġġew tabelli ta' *No Stopping*;

5.10 jitkompla d-*double yellow line* fi Triq l-Imblokk tal-Franċiżi minħabba li it-triq hi *two way* u m'hemmx lok għall-perkeġġ fuq iż-żewġ naħħat tat-triq;

5.11 fi Triq Sir M' Anġelo Refalo, fejn hemm id-*doulbe yellow line*, isir *No Parking* bejn it-08.00 u l-17.00. B'dan il-mod ikunu jistgħu jinqdew il-ħwienet tat-turisti u filgħaxija r-residenti jkunu jistgħu jipparkjaw. Għandu jintalab ukoll il-permess għal-tabella *cul-de-sac* fil-bidu ta' din it-triq u biex jitneħħa l-parkeġġ li hemm riservat għall-persuni b'diżabilita'.

5.12 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li attenda l-laqgħa ta' TM rigward il-vetturi tqal li jgħaddu mill-ewwel parti ta' Triq Vanrinġa. TM ġiet infurmata bir-rotta alternattiva u l-osservazzjoni hi li jirriżulta li dawn il-vetturi jridu jgħaddu mir-raħal tal-Għasri, fejn il-Kunsill tal-Għasri jrid jaqbel ma din ir-rotta. TM issuġġeriet li ssir laqgħa ma rappreżentant tal-Kunsill tar-Rabat u rappreżentant tal-Ministeru għal Għawdex.

## 6. Korrispondenza

6.1 Tressqet korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed tingħata opportunita' lil-għaxar kunsilliera żagħżugħ u żagħżugħa jattendu l-*European Youth Event* ġewwwa Strasburgu bejn id-9 u l-11 ta' Mejju 2014. L-attivita' ser issir ġeww l-Parlament Ewropew. Il-membri qablu li jinnominaw lil-kunsilliera Portelli u Briffa.

## 7. Materji oħra

Il-membri qablu li:-

7.1 fondi mill-proġett tal-ERDF, li jiġu ffrankat minn komponenti oħra tal-proġett wara li tiġi kkonsultata l-*Managing Authority,* jiġu trasferiti għal-offerta li tkopri x-xogħolijiet infrastrutturali;

7.2 jintalab lill-MEPA sabiex jittella l-ħajt ta' tmin filati quddiem għalqa li tinsab maġenb id-dar 'Jorant' fi Triq Ġuże' Cremona;

7.3 jinxtraw erba' inċiżjonijiet li jkunu jistgħu jingħataw bħala rigali mill-Kunsill;

7.4 titkompla l-bankina fejn kien qed jinbena post fi Triq l-Ewropa kantuniera ma Triq Karlu Galea. X'ħin titlesta l-bankina l-kuntrattur ikun jista' jneħħi l-*hoarding* li jdawwar is-sit;

7.5 l-ispejjes li hemm żejda sabiex jinbidel il-post ta' fejn kellha teħel id-*demarcation box* biex tixhel il-bozza ta' quddiem 'Xambekk Court' fi Triq Wied is-Seqer, għandhom jitħallsu minn min ordna li jsir dan il-bdil. L-ispejjes żejda, li skont l-istima ta' *GaleaCurmi Engineering*, huma €479.83, ser isiru minħabba nuqqas ta' ftehim bejn il-persuni li jgħixu f'dan il-blokk;

7.6 ssir bankina ġdida quddiem 'Paolos Verdes' fi Triq Patri Manuel Magri. Dan minħabba li l-bankina eżistenti hi dejqa;

7.7 biex jinħareġ permess ta' *vending machines*, il-Kunsill irid ikollu kopja tal-permessi neċessarji u li huma rikjesti fl-Avviż Legali. Wara li jintemm il-proġett tal-ERDF, il-Kunsill mhux ser joħroġ permessi għal *vending machines* peress li jgħatu dehra kerha;

7.8 jintalab lill-Perit sabiex jgħati l-parir tiegħu rigward hemmx lok għall-bankina fit-triq ta' maġenb il-wied li minn Triq Kerċem jinfed għal-Triq Wied il-Lunzjata;

7.9 jsir gandott li jilqa' l-ilma li jaqa' fit-triq ta' maġenb il-wied li minn Triq Kerċem jinfed għal-Triq Wied il-Lunzjata. Dan il-gandott jiġi mqabbad mal-wied sabiex jitafa mill-ilma tax-xita li jinżel f'din it-triq;

7.10 jiġi rappurtat lill-MEPA li l-*bill boards* li hemm fi Triq Fortuanto Mizzi kantuniera ma Pjazza J F Kennedy u li hemm fil-parkeġġ ta' biswit l-'Arkadia' huma mingħajr permess ta' TM.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.00.

| | |
|---|---|
| Av Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |